# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2019

**Rikors Numru : 559/2018 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**JG**

**Vs**

**MG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' JG, datat 21 ta' Dicembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu gewwa Malta fl-14 ta' Mejju tas-sena 1988 u kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A.*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal A, F u K llum kollha maggorenni.*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa mit-13 ta' Dicmebru 2013 u dana kif gie indikat minnhom stess fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom senjatament klawsola 21, liema kuntratt kien gie ppubblikat mimnn Nutar Rachel Mallia fit-13 ta' April 2015, kopja hawn anness u mmarkat bhala Dok. B.*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom ma jghixu flimkien minn meta huma sseparaw, u cioe', aktar minn erba' (4) snin, illum ghandhom  hajja totalment separata minn xulxin, u l-intimata sahansitra tghix barra minn Malta.*

*Illi skond l-istess kunratt ta' separazzjoni personali l-manteniment ghall-Mara kellu jithallas fuq medda ta' tlett snin u cjoe sal-31 ta' Jannar 2018, liema kontribuzzjoni dejjem thallset, u ghalhekk ma hemm ebda manteniment dovut.*

*Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1) *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2) *Tordna lir-Regsitratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istes Qorti, javza lid-Direttur tar-Regsitru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi MG, assistita mill-avukat difensur taghha, ddikjarat li ma ghandhiex oggezzjoni ghad-divorzju (Vide fol 41);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**JG** xehed a fol 27 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Mejju 1988 u kienu ottjenew separazzjoni personali fit-13 ta' April 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ghalkemm kienu ilhom jghixu separatament sa mit-13 ta' Dicembru 2013. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal, li huma kollha maggorenni. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-14 ta' Mejju 1988 (Vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Mallia, datat 13 ta' April, 2015 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) ghalkemm kienu ilhom jghixu separatament sa mit-13 ta' Dicembru 2013;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi jinsab pruvat li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**